



# Każin San Ġużepp u Banda De Rohan A.D. 1860

minn **Alfred Delmar**

## Il-Fratellanza

F'Ħaż-Żebbuġ insibu sitt fratellanzi, fosthom dik ta' San Ġużepp. Dun Salv Ciappara fl-ktieb tiegħu " Zebbug e Sua Parrocchia" jikteb li din il-fratellanza twaqqfet fl-1740, filwaqt li l-istoriku l-ieħor żebbuġi Luret Vella jikteb li l-fratellanza hadet sehem għall-ewwel darba f'purċissjoni, preċiżament fil-festa titulari tal-1741.

Fil-bidu l-fratellanza ma kellhiex altar magħżul għaliha, għaliex l-uniku altar ta' San Ġużepp kien proprjeta' tal-familja Baroni Azzopardi. F'Mejju ta' 1741 kien inħatar Kappillan ta' Ħaż-Żebbuġ Dun Giuseppe Markis Azzopardi, wieħed mill-familja tal-Baroni Azzopardi, proprjetarji tal-altar ta' San Ġużepp. Saret talba mill-fratellanza lil dan il-kappillan, huwa ħa l-permess mingħand il-familja tiegħu u kkonċeda l-użu ta' dan l-altar għas-servizzi kollha tal-komunità. Il-kwadru ta' fuq l-altar jirrappreżenta l-mewt ta' San Ġużepp imdawwar mill-Madonna u Gesu'. Dan l-altar kien twaqqaf wara li tkabbret il-knisja bejn 1637 u l-1655.

Matul iż-żmien id-devozzjoni lejn San Ġużepp kompliet titkattar fost iż-Żebbuġin u speċjalment fost l-imseħbin tal-fratellanza. Għalhekk nibtet ix-xewqa li ssir statwa ta' San Ġużepp għall-parroċċa tagħna. Dik il-ħabta fuq il-katedra ta' San Pietru kien isaltan il-Papa Piju IX, devot kbir ta' San Ġużepp u allura d-devozzjoni lejn dan il-qaddis iżjed xegħlet. Għalhekk fis-sena 1867, beda jsir il-ġbir meħtieġ u l-fratellanza tat il-kummissjoni lill-magħruf statwarju Ġlormu Darmanin, li dik il-ħabta kien meqjus bħala ta' fama kbira, kif fil-fatt kien. Ġara li Ġlormu Darmanin kellu ħafna xogħol u għalhekk l-istatwa ta' San Ġużepp tlestiet tlett snin wara, fl-1870, sewwa sew fl-istess sena li l-Papa Piju IX ipproklama lid-dinja kollha lill-imqaddes Patrijarka Ġużeppi bħala l-Patrun tal-Knisja Universali.



Il-fratellanza ta' San Ġużepp ta' Ħaż-Żebbuġ tippossjedi ħafna opri rikki, fosthom il-ventaltari tal-





altari kollha tal-knisja, il-paljotti tagħhom li huma mahduma kollha bir-rakkmu bi ħjut tad-deheb u fidda, kif ukoll sopra trieħi tagħhom. Izda fost l-altari, l-aktar tnejn li jkunu armati kif jixraq b'mod rikk huma l-altar maġġur u l-altar ta' San Ġużepp.

Affarijiet oħra prezzjużi huma l-istandard, il-lanterni, is-surġentina u l-medaljun, kollha xogħol fil-fidda. Opra oħra prezzjuża li tkun aramata fil-festa ta' San Ġużepp hija l-lampier il-kbir tal-fidda ta' quddiem l-altar maġġur l-istess wieħed li jkun armat fil-festa titulari ta' San Filep, b'differenza li fil-festa ta' San Ġużepp tiżdiedlu loppa kbira forma ta' statwa ta' tliet anġli magħqudin flimkien, bl-anġlu tan-nofs 'il fuq mit-tnejn l-oħra.

Fil-jiem tal-festa ta' San Ġużepp l-altari kollha tal-knisja ikunu armati kollha stil wieħed, b'ventaltari, settijiet ta' gandlieri kollha indurati bil-fidda gastri tal-metal bil-fjuretti, tapiti, trieħi, gwarniċi bil-karti tal-glorja u loppi għall-lampieri kollha. Il-fratellanza tagħna għandha l-privileġġ li fil-festa, il-knisja tkun aramata bid-damask l-aħmar l-istess damask tal-festa titulari. Dan id-damask huwa tal-ħarir, magħruf bħala tal-palma.

L-Aċipriet Dun Alberto Dalli fl-1911 kien wera x-xewqa li t-tużell il-ġdid li kellu jsir dak iż-żmiem kellu jsir għaż-żewġ festi ta' San Filep u ta' San Ġużepp. Ma kienx irnexxielu għaliex kien sab oppożizzjoni qawwija mill-Prokuratur tal-Knisja Dun Salv Zammit. Aktar tard sar tużell ġdid li barra li jintrama fil-festa ta' San Ġużepp, ikun armat ukoll fil-festi tal-fratellanzi l-oħra. Għal ma dan it-tużell hemm loppa kbira u ferm sabiħa, skolpita fl-injam u indurata bid-deheb. L-aktar ħaġa li tispikka u li qegħda fl-aktar post għoli tal-loppa hija l-kuruna ta' San Ġużepp, is-simbolu tal-Patrun Universali tal-Knisja.

Il-fratellanza għandha wkoll il-privileġġ li l-festi ta' ġewwa u l-purċissjoni jitmexxew minn Kanonku. Iċ-ċelebrazzjonijiet jinkludu l-jiem tat-tridu, meta jitkanta l-għasar, issir il-priedka, tingħad il-Kurunella ta' San Ġużepp, jindaqq l-innu, antifona u wara l-funzjoni tingħata l-Barka Sagramentali. Wara l-jiem tat-tridu jitkanta t-Te Deum b'radd ta' ħajr ta' għeluq it-tridu. F'jum il-festa ssir quddiesa kantata, u wara l-Evanġelu jsir il-Paniġierku. Fil-għaxija ssir quddiesa u wara jkun hemm l-għasar bil-vuċijiet. Fi tmiem il-purċissjoni jitkanta l-innu, antifona u l-festa tintemm bil-Barka Sagramentali. Dawn iċ-ċelebrazzjonijiet kollha jkunu akkumpanjati b'mużika sagra.

Il-prokuraturi tal-fratellanza minn dejjem ħadu ħsieb li dawn iċ-ċelebrazzjonijiet ikunu akkumpanjati bl-aqwa mużika u għal żmien twil il-mużika sagra kienet tkun immexxija mill-familja Nani, familja ta' mużiċisti kbar.

Fil-bidu l-fratellanza kienet tiċċelebra il-festa tal-patroċinju ta' San Ġużepp li kienet tkun it-tielet Ħadd fuq l-Għid. Minn sena għall-oħra l-festa bdiet tikber, imma kienet wisq qrib it-12 ta' Mejju, jum il-festa tat-titular. Għalhekk fl-1904 kienet saret talba lill-Papa Piju X biex il-festa ta'





San Ġużepp f'Ħaż-Żebbuġ tiġi trasferita għall-aħħar Ħadd ta' Lulju. Din it-talba ġiet milqugħa u mill-1905 il-festa ġiet trasferita b'reskritt li għoġbu jaħti l-Papa Piju X.

Fl-1906 l-istatwa ta' San Ġużepp iżżejnet b'erba' anġli bl-emblemi f'idejhom tal-Kbir Patrijarka. Dawn huma xogħol ta' Karlu Darmanin. Aktar tard fl-1910 din l-istatwa kompliet tizzejjen billi iżżanżnet bradella ġdida maħduma minn Wenzu Zammit tal-Birgu.

Jidher li matul iż-żmien kien hemm xi differenzi bejn l-amministrazzjoni tal-Knisja Arċipretali ta' Ħaż-Żebbuġ u l-fratellanza ta' San Ġużepp. Dan jidher minn żewġ fatturi importanti. Fattur minn dawn kien ir-rikors li kien għamel il-Prokuratur in-Nutar Vincenzo G. Giojosa quddiem l-Arċisqof Monsinjur Pietru Pace, kontra għadd ta' saċerdoti mill-knisja Arċipretali ta' Ħaż-Żebbuġ. Fattur ieħor huwa li filwaqt li l-fratellanzi l-oħra kollha iżommu l-oġġetti tagħhom fil-knisja, il-fratellanza ta' San Ġużepp m'għandhiex post allokat għaliha.

Matul iż-żmien id-devozzjoni u l-qima lejn San Ġużepp baqgħu dejjem jikbru u dan narawh rifless fil-bosta statwi tal-qaddis li nsibu mferxin madwar ir-raħal kif ukoll fil-bosta opri li saru fil-knisja arċipretali u fl-armar u tiżjin tat-toroq. Hawn ta' min wieħed issemmi erba' okkażjonijiet fejn il-festi f'ġieħ il-Qaddis kienu straordinarji. Fl-1920 ħabat egħluq il-ħamsin sena minn meta l-Papa Piju IX kien iddikjara lill-San Ġużepp Patrun Universali tal-Knisja u kien ukoll egħluq il-ħamsin sena tal-istatwa. Kienu saru festi kbar kemm ġewwa l-knisja kif ukoll barra. Okkażjoni oħra kienet il-festa tal-1945 meta ġie ċelebrat il-75 anniversarju tal-istatwa. Saret transulazzjoni, il-purċissjoni kellha dawra kbira bħal tat-tituilar u tmexxiet minn Monsinjur. Festi oħra kbar fl-1970 meta ċċelebrajna l-100 sena ta' San Ġużepp fostna, u aktar riċenti fl-1995 egħluq il-125 sena.

Meta wieħed iqis li l-festa ta' San Ġużepp hija waħda sekondarja , l-knisja arċipretali ta' Ħaż-Żebbuġ hija waħda, jekk mhux l-iktar li tkun armata f'festa sekondarja. Dan kollu huwa mertu ta' ħidma intensiva li wettqu matul is-snin il-prokuraturi kollha tal-fratellanza. Fosthom ta' min isemmi lil Dun Ġużepp Boanno, li bl-għajnuna tal-Arċipriet Dun Albert Dalli, li kien devot kbir ta' San Ġużepp, ħadmu u stinkaw flimkien kemm felħu, sabiex il-knisja fil-festa tkun armata kif jixraq. Mhux kulħadd kien japprezza għemil u l-ħidma ta' dawn iż-żewġ saċerdoti . Kellhom iħallsu prezz qares u sabu oppożizzjoni kemm personali kif ukoll fuq bażi soċjali.

## Is-Soċjetà Każin San Ġużepp u Banda De Rohan A.D. 1860

L-istoriku Pietru Pawl Castagna fl-istorja tiegħu ta' Malta ippubblikata fl-1888 kiteb hekk; " l-EWWEL Banda Nazzjonali saret f'Ħaż-Żebbuġ mit-tant imsemmi Mastru Indri Borg fl-1860. Dan il-bidu ta' kemm





baned saru u li għad isiru." L-istess kiteb ir-Reverendu Dun Salv Ciappara fil-ktieb tiegħu "Storia del Zebbug e sua Parrochia" ippubblikat fl-1882. Kiteb li fl-1860 Ħaż-Żebbuġ ra l-bidu tal-Ewwel Banda f'Malta.

Għall-ewwel il-baned f'Malta kienu jkunu aktar magħrufa bl-isem ta' raħalhom, u fil-każ tagħna mhux xi eċċezzjoni, Kienet magħrufa bħala Società Filarmonica del Zebbug. Aktar tard ħadet isem il-Gran Mastru De Rohan li ta' lil Ħaż-Żebbuġ it-titlu ta' Belt, CITTÀ ROHAN. F'dawn l-ewwel snin tal-ħajja tagħha l-Banda Rohan ġibdet l-ammirazzjoni tal-poplu Żebbuġi. F'dawk iż-żminijiet il-Banda Rohan kienet tieħu sehem f'diversi festi fir-raħal fosthom fil-festa titulari ta' San Filep u fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. L-ammiraturi tal-Banda ddeċidew li jagħmlu palk biex il-banda tkun tista' tesegwixxi il-programmi mużikali fuqu. Il-palk sar u ġie mżejjen bl-armi tal-Gran Mastru De Rohan, saret ukoll statwa tal-istess Gran Mastru De Rohan li tpoġġiet f'post prominenti.

Sa l-1910, il-Banda Rohan għarfet izzomm ruħha indipendenti. Ma kellha x'taqsam xejn ma' ebda soċjeta' oħra. Kellha post tagħha fejn tħarreġ l-allievi u wkoll fejn tikkunċerta għall-programmi li kien ikollha matul is-sena. Il-Banda Rohan damet tieħu sehem fil-festa ta' San Filep sa l-1904, meta jidher li f'Ħaż-Żebbuġ qamet il-kwistjoni tal-Mużika Sagra fil-Knisja. Dak iż-żmien iż-ż-żewġ Maestri di Cappella principali f'Malta kienu Mro Bugeja u Mro Nani. Meta waslet il-festa titulari ta' San Filep ġara li kien hemm min ried jibqa' jżomm lil Mro Bugeja, kien hemm oħrajn, li riedu jibdlu u jġibu lil Mro Nani. Kien ġie deċiż li Mro Bugeja kellu jagħmel il-mużika għall-festa titulari. Id-diriġenti tal-Banda Rohan ma qablux ma din id-deċiżjoni u irrifjutaw li jibqgħu jagħtu is-sehem tagħhom fil-festa ta' San Filep, kif kienet ilha tagħmel sa mit-twaqqif tagħha fl-1860. Imma dawk li riedu lil Mro Nani ma ħallewx li din il-kwistjoni tgħaddi. Għalhekk peress li Mro Nani kien jagħmel il-Mużika Sagra fil-festa ta' San Ġużepp, id-diriġenti tal-Banda Rohan komplew jagħtu s-sehem tagħhom fil-festa ta' San Ġużepp. Minn din il-kwistjoni il-Banda Rohan ħadet il-laqam tal-ajkla, laqam sinonimu mal-mużika ta' Nani

Sitt snin wara dan il-każ- fl-1910 – fuq inizjattiva tan-Nobli Antonio Zammit Gauci, dak iż-żmien President tas-Societa' Filarmonica Rohan, kif ukoll il-Prokuratur tal-Fratellanza ta' San Ġużepp, twaqqaf iċ-Circolo San Giuseppe. B'kuntratt tal-1 ta' Novembru, 1910, iż-żewġ Soċjetajiet ingħaqdu u hekk għadhom sal-lum, bl-isem Circolo San Giuseppe e Filarmonica Rohan. Aktar tard l-isem inqaleb għal malti Każin San Ġużepp u Banda De Rohan.

Mit-twaqqif tagħha sal-lum il-Banda De Rohan kellha 19 –il-surmast Direttur. Indri Borg, l-ewwel surmast, dam imexxi il-Banda mill-1860 sa l-1872. Segwewh Ferdinandu Molinari (1872-1875); M'Ang Galea (1875-1880); M'Ang Debono (1880- 1892); Lorenzo Gatt



(1892-1900); Vincenzo Carabott (1900-1903); Orlando Crescimanno (1903-1906); Gaetano Emm. Cali (1906-1914); Antonio Ruto (1914); Pacifico Scicluna (1914- 1920); Giuseppe Busuttil (1920-1926); Vincenzo Ciappara (1926-1930); Mikiel Gatt (1930-1932); Willie Attard (1931); Ġeraldu Farrugia (1932-1970); Henry Camilleri (1970-1976); Frank Galea (1976-1978); Lawrence Borg (1978-1990). Fil-preżent il-Banda De Rohan tinsab taħt id-direżżjoni tas-Surmast Ronnie Debattista.

Tul dawn l-aħħar 149 sena mit-twaqqif tagħha l-Banda De Rohan kellha diversi dati memorabbli, fosthom fl-1938 meta tfakkar it-78 anniversarju tagħha u ġiet regalata b'bandalora mill-Lieut Governor Adams Hunter. Dak in-nhar il-Banda De Rohan kienet taħt id-direzzjoni tas-Surmast Ġeraldu Farrugia, li taħtu ukoll, fl-1860, ġie ċċelebrat l-ewwel ċentinarju mit-twaqqif ta' banda f'pajjiżna.

Fl-1985, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Lawrence Borg il-Banda fakkret il-125 sena mit-twaqqif tagħha. Fl-1993 taħt is-Surmast Direttu attwali, Mro. Ronnie Debattista, il-Banda De Rohan rebħet il-konkors Bandistiku Melita Cable, fl-1995 ħadet sehem f'serata mużiko-letterarja fil-Knisja Arċipretali biex tfakkar il-125 anniversarju mil-miġja tal-istatwa ta' San Ġużepp, f'Ħaż-Żebbuġ.

Okkażjoni oħra speċjali kienet fis-sena, 2000 meta l-Banda De Rohan iċċelebrat l-140 anniversarju mit-twaqqif tagħha bħala l-Ewwel Banda f'Malta bi programm vokali u strumentali taħt il-patroċinju tal-President ta' Malta E.T. l-Professur Guido De Marco. Il-Kumitat tas-Soċjetà Każin San Ġużepp u Banda De Rohan bħala tifkira ta' dan il-jum importanti u storiku fl-istorja tas-Soċjetà, biex jibqa' mfakkar inawgura bandalora tal-Banda ġdida. Fl-arkivju tas-Soċjetà nsibu għadd ta' xogħlijiet mużikali ta' diversi kompożituri, surmastrijiet maltin.

Illum is-Soċjetà Każin San Ġużepp u Banda De Rohan, wara ħajja ta' tant snin ta' ħidma, għadha mixja, b'mixja soda u meta tara x-xogħol li tant ħadmu għas-Soċjetà, l-membri tagħha, tħossha kburija. Kburija għaliex dejjem imxew mal-motto tas-Soċjetà AVANTI SEMPRE.

GALAXY
RADIO 105 FM